**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 26 TA' OTTUBRU, 2001**

*Avviz. Nru 1542/00 AJD*

Grima Communications Limited

vs

Joseph Muscat

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Settembru, 2000, fejn is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' mija u zewg liri Maltin u erbghin centezmu (Lm102.40) dovuti bhala bilanc ta' prezz ta' reklami trasmessi fuq l-istazzjon Live FM matul l-1998. Il-konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi biex ihallas baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
Bl-ispejjes, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici m'huwiex dovut stante illi s-socjeta' attrici naqset milli tonora l-obbligi taghha naxxenti mill-iskrittura privata tal-4 ta' Frar, 1998.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

3. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

Ra s-sentenza tat-30 ta' Lulju, 2001, fejn il-kawza giet deciza in parte.

Sema' x-xhieda ta' Michael Zammit, tal-konvenut Joseph Muscat u ta' Joseph Grima rapprezentant tas-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Illi l-kaz jitratta talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas tas-somma ta' mija u zewg liri Maltin u erbghin centezmu (Lm102.40), bilanc ta' prezz ghax-xandir ta' reklami trasmessi fuq l-istazzjon LIVE FM.

2. Illi l-konvenut qed jeccepixxi li l-hlas m'huwiex dovut peress li r-reklami ma xxandrux kif miftiehem. Illi skond il-ftehim bil-miktub bejn il-partjiet li jinsab a fol. 18 tal-process, jiriizulta li kellhom jigu trasmessi sitt reklami kuljum u r-reklami kellhom jibdew jixxandru mill-4 ta' Frar, 1998.

3. Illi fis-seduta tas-26 ta' Settembru, 2001, il-konvenut xehed li r-reklami jew ma kienux qed jigu trasmessi jew inkella kienu qed jigu trasmessi f'hin li ma kienx dak miftiehem bejn il-partijiet.

4. Illi skond Joe Grima, rapprezentant tas-socjeta' attrici, u Michael Zammit prodott mill-istess socjeta' attrici, kienet tezisti sistema ta' 'logging' tar-reklami li kienu jixxandru, fis-sens li s-socjeta' attrici kellha 'software' fejn kienu jinzammu dettalji dwar ix-xandir tar-reklami.

5. Illi s-socjeta' attrici ma ressqitx din il-prova kif kienet tenuta li taghmel una volta li l-konvenut qed jallega li r-reklami ma gewx trasmessi.

Fil-fehma tat-Tribunal, is-socjeta' attrici ma rnexxilix tipprova sodisfacentement li hija effettivament provdiet is-servizz li tieghu qed titlob il-hlas fil-kaz odjern.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici. L-ispejjes ta' din l-istanza, hlief ghal dawk li l-konvenut diga' kien ikkundannat ihallas fis-sentenza preliminari tat-30 ta' Lulju, 2001, ghandhom jithallsu mis-socjeta' attrici.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR